MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Talba Numru. 1849/2002

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**
**vs**
**Joseph Tonna**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm894.60 (tmien mija u erbgha u disghin lira maltin u sittin centezmu) peress illi l-konvenut kien agent tal-pensjonanta Victoria Margaret Tonna li kienet tircievi pensjoni mhux kontributorja minghand l-attur.

Illi l-istess Victoria Margaret Tonna mietet fl-10 t'Awissu 2000 u l-konvenut bhala eredi u agent taghha naqas li jinforma b'dan lid-Dipartiment bil-konsegwenza li fil-perjodu bejn l-10 t'Awissu 2000 u l-20 t'April 2001 baqghu jinhargu cekkijiet tal-pensjoni lil Victoria Margaret Tonna, liema cekkijiet, minkejja l-mewt taghha, baqghu jissarfu f'isimha mill-konvenut.

Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat sabiex jirrifondi dan l-ammont hu baqa inadempjneti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali, inkluz l-ispejjes tal-ittra ufficjali datata 28 ta’ Novembru 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema’ lil Carmel Azzopardi in rapprezentanza tal-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm894.60 (tmien mija u erbgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu). Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------